MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Numru. 924/2008

Il-Pulizija
[Spettur Joseph Mercieca]

vs

Mary Cassar

Kumpilazzjoni Numru: 924/2008

Illum 25 ta’ Jannar 2010

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Mary Cassar, ta’ 52 sena, bint Anthony Paul Demajo u Appolonia nee’ Ciappara, imwielda il-Hamrun, nhar l-10 ta’ Marzu, 1956 u li toqghod Pezul Lodge, Il-Wardija, limiti ta’ San Pawl il-

Bahar, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru. 175156M.

Akkuzata talli fis-7 ta' Settembru, 2008, ghall-habta tad-9:00pm, u/jew wara din id-data u hin, f'dawn il-Gzejjer:
1. Bil-hsieb li taghmel hsara lir-ragel taghha, Edward Cassar, u/jew lill-persuni ohra, akkuzat lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti w
2. iktar, talli iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, jnkella bil-qerq halqet tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rta l-artikoli 101(1)(b) u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-fatti ftit li xejn hemm kontestazzjoni f' dan il-kaz.

Illi l-imputata u zewgha Edward Cassar ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni. Fost il-hafna materji in kontensjoni bejniethom hemm dghajsa ossia cabin cruiser li normalment tkun irmiggjata l-Msida Marina u li kienet is-suggett ta' numru konsiderevoli ta' rapporti li l-imputata ghamlet ma'l-Ghassa tal-Pulizija ta' l-Msida.

Illi fuq din id-daghjsa kien qed ikun hemm nies fil-kumpanija ta' Edward Cassar li m'ghogbux lill-imputata, b'mod partikolari kienet qed tirreferi ghal certu Mark Pirotta u certu Frank Bonnett maghruf bhala *Frankie ta' Londra il-Pele*; dawn iz-zewg persuni huma maghrufa mal-pulizija u ghandhom precedenti penli. F'xi

konverzazzjoni li kien hemm bejn l-imputata u l-Ispettur Ellul bhala rizultat tad-diversi rapporti li kienet taghmel issemmew dawn il-persuni.

Illi jirrizulta li dak iz-zmien certu Joseph Cini maghruf ukoll bil-laqam *il-Pele* kien ricerkat mil-pulizija; dan Joseph Cini fil-fatt kien harab meta kien taht il-kustodja tal-pulizija u ghalhekk kien imfittex mill-pulizija. Meta l-imputata semmiet l-isem *il-Pele* mieghu l-Ispettur Ellul (minhabba li kien jaf li Joseph Cini *il-Pele* kien ricerkat) qallha biex tinfurmah malli tkun taf li qieghed fuq il-cabin cruiser. Ta' min wiehed jirrileva li mid-depozizzjoni ta' l-Ispettur Ellul jirrizulta li f'din il-konverzazzjoni li kien hemm bejnu u bejn l-imputata hu kien semma l-isem Cini in konessjoni ma*l-Pele*. L-Ispettur Ellul qal ukoll fid-depozizzjoni tieghu li min-naha taghha l-imputata qaltlu li hi ma kenitx taf x'jismu u li tafu bil-laqam[1]. Dak li qal l-Ispettur Ellul fid-depozizzjoni tieghu huwa fil-fatt konferma ta' dak li huwa qal fir-rapport tieghu lis-superjuri tieghu dwar l-incident in kwistjoni[2] u cioe li huwa kien semma l-isem Joseph Cini mal-laqam *il-Pele* meta kien qed jitkellem ma' l-imputata u talabha biex taghtih informazzjoni dwar dan *il-Pele* u cioe Joseph Cini.

Illi gara li xi granet wara l-imputata cemplet lill-Ispettur Ellul u hi qaltlu li *il-Pele* kien qieghed fuq il-cabin cruiser ma zewgha u li l-cabin cruiser kien qieghed ankrat fil-bajja ta'l-Ghadira. L-ispettur Ellul kien qieghed xoghol il-pixxina nazzjonali fil-hin li rcieva t-telefonata u ghalhekk huwa ghadda l-informazzjoni lill-*control room*. Minn hemm bdiet operazzjoni shiha biex jigi identifikat l-cabin cruiser u mbaghad jinqabad il-Pele; din l-operazzjoni involviet mhux biss il-Pulizija imma l-Forzi Armati ta' Malta ukoll.

Illi ta' min wiehed jghid li l-pulizija kienu qed jirriskontraw diffikoltajiet biex jidentifikaw l-cabin cruiser allura l-imputata marret tiltaqa' mal-pulizija li kienu qeghdin fuq il-moll l-Ghadira; hemm hi tkellmet ma'l-Ispettur li kien qed imexxi l-operazzjoni minn fuq il-post, l-Ispettur Joseph

[1] Ref l-ahhar linja a fol 83.
[2] Ref it-tieni paragrafu fid-dokument JM2 afol 26.

Mercieca. Jirrizulta ampjament li fil-konverzazzjoni li kellu ma'l-imputata l-Ispettur Mercieca kien qed jirreferi ghall-persuna ricerkata bhala Joseph Cini *il-Pele* (haga li tikkonferma l-imputata fid-depozizzjoni taghha)[3], fil-waqt li l-imputata dejjem irreferiet ghalih bhala *il-Pele*. Dak il-hin l-imputata qalet ukoll li hi kienet hadet xi ritratti tal-persuna li kienet rat fuq il-cabin cruiser waqt li kienu ghadhom dehlin l-Ghadira; l-Ispettur Mercieca talabha dawn ir-ritratti pero qaltlu li ma setghtex taghtihomlu ghax kienet ghadha ma zviluppathomx. Hi tammetti li l-camera kienet fil-pussess taghha dak il-hin fil-*handbag* li kellha maghha[4]. B'l-ghajnuna ta'l-imputata giet identifikata l-cabin cruiser u saret tfitxijja fuqha mis-suldati tal-Forzi Armati ta' Malta akkompanjati minn pulizija ukoll. Minn din it-tfittxija irrizulta li fuq l-cabin cruiser kien hemm Edward Cassar, Mark Pirotta u Frank Bonnett ossia *Frankie ta' Londra il-Pele*. Is-suldati u l-pulizija regghu marru mal-moll u ftit wara regghet waslet hemm ukoll l-imputata. L-ewwel haga li stqasiet lis-suldati kienet kif kien hadha ir-ragel (dan ukoll hu konfermat mill-imputat fid-depozizzjoni taghha[5]). L-ispettur Mercieca rega' talabha r-ritratti u hi qaltlu li l-ghada kienet ser tohodhomlu; l-ghada l-imputata cemplet lill-Ispettur u infurmatu li l-*camera* tar-ritratti kienet tilfietha.

Illi minn ezami tad-depozizzjoni ta'l-imputata kif ukoll ta'l-istqarrija li hija rrilaxxjat lill-pulizija jirrizulta li l-bicca l-kbira tal-fatti kif fuq esposti huma konfermati minnha.

Illi fil-fehma tal-Qorti minn dan il-kwadru ta' fatti jassumu importanza u relevanza numru ta' fatti li zgur mhux kontestati. Ghalkemm meta tkellmet ma'l-Ispettur Ellul hija qalet li ma kenitx taf x'jismu *l-Pele* li kien qed ikun fuq il-cabin cruiser ma zewgha, l-imputata kienet ilha taf b'dan *Frankie ta' Londra* imlaqqam *il-Pele* minn Lulju 2008 meta xi hadd qallha li l-persuna li qed tkun fil-prezenza ta' zewgha huwa *Frankie ta' Londra* maghruf *il-Pele*. L-imputata ikkonfermat li fil-konverzazzjoni li hija kellha ma'l-Ispettur Mercieca hu dejjem ghamel referenza ghal Joseph Cini *il-Pele*; anzi l-imputata tghid li wahda mill-

---

[3] Ref it-tielet paragrafu a fol 119 u t-tielet paragrafu afol 121.
[4] Ref depozizzjoni taghha l-ewwel paragrafu a fol 119.
[5] Ref  l-ahhar parti tat-tielet u l-ewwel parti tar-raba paragrafi a fol 119.

ewwel affarijiet li saqsieha l-Ispettur kienet jekk hi tafx li Joseph Cini *il-Pele* qieghed fuq id-dghajsa[6]. Tghid ukoll li hi dejjem ghamlet referenza ghal *il-Pele*. L-imputata tikkonferma ukoll li l-ewwel darba li hija nfurmat lill-Ispettur Mercieca li l-persuna li hija kienet qed tirreferi ghaliha bhala *il-Pele* kienet *Frankie ta' Londra* imlaqqam *il-Pele* kien meta rilaxxjat l-istqarrija. L-imputata tikkonferma ukoll li l-*camera* taghha kienet digital u li ghalkemm suppost kienet fil-*handbag* meta l-Ispettur staqsieha ghar-ritratti hi la qalet lill-Ispettur li r-ritratti seta' jarahom fil-*camera* u lanqas biss pruvat tfittixha; kien biss meta marret lura d-dar li indunat li l-*camera* ma kenitx fil-*handbag*.

Illi l-Qorti tenut kont ta' dan u tal-fatti kollha ta' dan il-kaz difficilment taccetta li l-imputata ma kenitx taf li l-persuna li kienu qed ifittxu l-pulizija u l-persuna li kienet fuq il-*cabin cruiser* ma' zewgha kienu persuni differenti. Jekk kellha xi dubbju (ghalkemm il-Qorti hija konvinta li ma setghax kellha ghaliex l-Ispettur Ellul ukoll semma l-isem Cini) kwalunkwe dubbju li seta' kellha zgur li tnehha malli kellmet lill-Ispettur Mercieca u dan f'mument meta l-operazzjoni ta' tfittxija setghet titwaqqaf.

Illi din il-konvinzjoni tal-Qorti hija rafforzata mill-kawtela kwazi ezagerata ta'l-imputata, u l-insistenza taghha, li sakemm kienu ghadhom fuq il-moll l-Ghadira ssemmi biss il-kliem *il-Pele* minghajr ma tinnega jew tikkonferma kull darba li giet mistoqsija dwar il-prezenza ta' "Joseph Cini" fuq il-*cabin cruiser*. Din l-attitudni ta'l-imputata tikkontrasta hafna ma'l-attitudni taghha meta kienet qed tirrillaxxja l-istqarrija. F'din l-okkazzjoni immedjatament malli sartililha referenza ghal Joseph Cini *il-Pele* u giet mistoqsija kif tafu hija kienet mill-ewwel pronta biex ticcara li "jiena propja nafu bhala *Frankie ta' Londra* u naf ukoll li jghidulu *il-Pele,* bhala Joseph Cini ma nafux". Il-Qorti ma tistax ma tosservax kif jista' jkun li fis-7 ta' Settembru 2008 meta kienet qed tkellem liz-zewg spetturi u meta rat x'tip ta' operazzjoni kienet ser tizvolgi ma hassietx li kellha taghmel l-istess kjarifika dan minkejja li giet mistoqsija ripetutament biex tikkonferma l-prezenza ta' Joseph Cini

[6] Ref l-ahhar paragrafu a fol 121.

*il-Pele* fuq id-dghajsa. Il-Qorti lanqas ma tista' taccetta li l-imputata, kieku verament kellha, u/jew riedet turi, ir-ritratti tal-persuna li kienet fuq id-dghajsa lill-pulizija, ma kenitx ser tghaddilha minn mohhha li b'*digital camera* setghet turihomlu dak il-hin stess lill-Ispettur.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata huma dawk ta' kalunja reali (jew diretta) fil-konfront ta' zewgha Edward Cassar, kif ukoll simulazzjoni diretta ta' reat in kwantu ddenuncja reat, u simulazzjoni indiretta in kwantu l-imputat holoq tracci ta' reat.

Illi biex jissussisti r-reat ta' kalunja reali mhux bizzejjed il-kliem li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna[7].

Illi dwar is-simulazzjoni tar-reat, din tista' tkun verbali (diretta) u tirrikjedi sempliciment li l-agent ikun iddenunzja lill-pulizija reat li jkun jaf li ma sarx; u tista' tkun ukoll reali (indiretta) u tavvera ruhha meta wiehed b'qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali biex jassiguraw li dak ir-reat kien sar[8]. Huwa principju ben stabbilit ukoll li biex tigi pruvata s-simulazzjoni ta' reat jehtieg li r-reat denunzjat ma jkunx sehh[9].

Illi mill-atti ma jirrizultax li fis-7 ta' Settembru 2008 Edward Cassar ghamel xi reat. Huwa minnu li l-persuni li kienu mieghu fuq il-*cabin cruiser* huma maghrufa mal-pulizija u ghandhom precedenti penali u huwa minnu ukoll li wiehed minnhom kien mlaqqam *il-Pele* pero dawn iz-zewg persuni li kienu fuq id-daghjsa ma kenux ricerkati mill-pulizija.

[7] Ref Pulizija vs David Mizzi Appell Kriminali 16.02.1998
[8] Ref Pulizija vs Davis Mizzi op cit.
[9] Antolisei: Manuele di Diritto Penale Giuffre 14 Edizione pagna 460.

Illi l-imputata kienet taf min kien hemm ma' zewgha u kienet taf li dik il-persuna ma kenitx l-istess “Pele” ricerkat mill-pulizija, konsegwetement meta hija tat informazzjoni lill-pulizija li wasslet biex jibdew proceduri biex jigi avverat jekk r-reat kienx sehh jew le hija kienet fil-fatt iddenunzjat reat li kienet taf li ma sarx. Konsegwentement jirrizulta pruvat ir-reat ta’ simulazzjoni verbali. L-imputata pero ma holqot l-ebda tracci jew indizzji materjali tar-reat ghalhekk ma jirrizultawx pruvati l-imputazzjonijiet ta’ kalunja reali u ta’ simulazzjoni reali.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi kunsiderazzjonijiet. Bla dubbju ta’ xejn l-ewwel fattur huwa n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata, il-motivazzjoni li wassal biex jitwettaq dan ir-reat kif ukoll l-konsegwenzi tieghu u cioe il-hela ta’ rizorsi u tal-hin prezjuz tal-pulizija. Min-naha l-ohra l-Qorti bil-fors trid tiehu in konsiderazjoni l-fedina penali ta’l-imputata li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hatja ta’l-ewwel imputazzjoni u tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat ta’ siulazzjoni reali u tilliberaha minnhom, issib lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat ta’ simulazzjoni verbali u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------